# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAT-30 TA' GUNJU 2020

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 285/2009 RGM**

**Joe Debono Grech u Silvio Azzopardi**

**bhala President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta` Dun Filippu Borgia**

**u**

**r-Rev. Kanonku Carmelo Calleja f'ismu proprju u bhala membru**

**tal-Kapitlu tal-Kolleggiatata' Santa Elena ta' Birkirkara**

**vs.**

**Id-Direttur ta' l-Ufficju Kongunt,**

**l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof,**

**u**

**l-Prim Ministru bhala l-Kap tal-Gvern ta' Malta**

## Il-Qorti:

Rat ir-**Rikors Ġuramentat ta' Joe Debono Grech, Silvio Azzopardi, bħala President u Segretarju rispettivament tas-soċjetà` Dun Filippu Borgia u r-Rev. Kanonku Carmelo Calleja f'ismu proprju u bħala membru tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Santa Elena ta' Birkirkara** li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

> Illi huma l-President u s-Segretarju tas-Socjeta Dun Filippu Borgia li twaqqfet fit-3 ta' Lulju 1936 bl-iskop li thares l-interessi tal-poplu Karkariz in konnessjoni mal-Kolleggjata ta' Santa Elena kif dejjem ghamlet minn dak iz-zmien sa llum b'diversi kawzi anke fi Qrati Ekklezjastici u kif giet anke rikonoxxuta mill-Arcisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi biex taghmel dan.
>
> Illi jirrizulta storikament u legalment li l-amministrazzjoni tal-propjeta tal-Kolleggjata ta' Santa Liena tappartjeni 'pleno jure' lill-istess Kolleggjata Elenjana u dan jirrizulta mhux biss mill-Bolla ta' L-Erezzjoni tal 5 ta' Dicembru 1630 u l-Istatuti tal-Kolleggjata (konfermati mis Santa sede fl-1631) imma wkoll minn decizjonijiet anke tal-Qrati Maltin.
>
> Illi permezz ta' kuntratti sinallagmatici iz-zewg fundaturi Dun Filippu Borg u Dun Pierin Borg riedu u ordnaw li l-propjeta li hallew lill-Kapitlu Elenjan u lill-poplu ta' Birkirkara ghandha tigi meqjusa bhala libera u mahlula minn kull irbit u li kellha tibqa tigi amministrata mill-Kapitlu Elenjan ghall-beneficcju ta' l-istess Kapitlu u ghall-gid tal-poplu ta' Birkirkara. Il-fundaturi ghamlu din il-kundizzjoni fil-bidu nett tal-fondazzjoni u tad-donazzjoni taghhom fl-atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb tat--30 ta' Mejju 1633 DOK A , tal-10 ta' Mejju 1635 (DOK B) u tat-28 ta' Dicembru 1771 fl-atti tan-Nutar Pietru Pawl Gonzi. ( DOK C) u donazzjonijiet ohra.

Illi mid-dhul tal-propjeta tal-Kolleggjata kienu jithallsu l-prebendi tal-Kanonici ta' B'kara u dan sar sabiex il-Kolleggjata jkollha l-finanzjament taghha sabiex tkun tista ssostni lill-Kanonci taghha u b'hekk taghti servizz spiritwali kontinwu lill-poplu ta' Birkirkara.

Illi l-Kurja Arciveskovili qatt ma kellha kontrol fuq l-istess propjeta u qatt ma setghet tamministra l-wirt imholli lill-Kolleggjata mill-benefatturi taghha ghaliex b'hekk ma tibqax tigi onorata x-xewqa ta' min halla gidu lill-Kolleggjata.

Illi l-Kurja Arciveskovili u l-Gvern ta' Malta hadu illegalment il-propjeta tal-Kolleggjata ta' Santa Liena u ghaddewha lill-Ufficju Kongunt.

Illi fost il-propjeta li ttiehdet mill-Kurja u l-Gvern Malti lill-Kolleggjata Elenjana hemm il-fond 39, Triq San Kostantinu , B'kara gia 19, Triq Kostantinu, B'kara, liema trasferiment ma setgha qatt isir.

Illi tali trasferiment huwa wiehed illecitu.

Illi in kwantu ghall-attur ir-Rev Kanonku Carmelo Calleja it-tehid ta' tali propjeta affetwatlu d-dhul tal-prebenda tieghu imhollija mid-donaturi tal-Kolleggjata lill-istess Kanonci tal-Kolleggjata kif ukoll poggietu f'qaghda kontrarja ghal gurament li ha meta sar Kanonku f'liema gurament huwa obbliga ruhu li jiddefendi l-istess Kolleggjata u l-beni taghha.

Illi bhala Kanonku li ha l-gurament li jaqdi lill-istess Kolleggjata u lill-poplu Karkariz ghandu dritt li jiehu d-dhul tieghu mill-prebendi li hallew il-fundaturi tal-Kolleggjata.

Illu huwa jkun qed jonqos serjament jekk ma jiddefendix il-gurament li ha mal-hatra tieghu ta' Kanonku u l-interessi ta' l-istess Kolleggjata li huma l-istess intererssi tal-poplu Karkariz.

Illi l-konvenuti gew intimati permezz ta' ittri ufficjali tal-31 t'Ottubru 2006 (DOK D) u tas-27 ta' Novembru 2008 (DOK E), sabiex jerghu jittrasferiixu lura l-propjetaja li hadu lill-Kolleggjata ta' Santa Liena izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jghidu l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi t-tehid tal-propjeta 39, (gja 19) Triq San Kostantinu, Birkirkara u t-trasferiment ta' l-imsemmi fond imsemmi mill-Kurja Arciveskovili u mill-Gvern ta' Malta lill-Ufficcju Kongunt ma setghax isir u l-istess fond ghandu jitqies li baqa propjeta ta' l-istess Kolleggjata ta'Santa Liena ta' Birkirkara.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u l-Prim Ministru bħala l-Kap tal-Gvern ta' Malta** ppreżentata fl-4 ta' Mejju, 2009 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, id-Direttur ta' l-Ufficju Kongunt u l-Prim Ministru bhala l-Kap tal-Gvern ta' Malta mhumiex il-legittimi kontraditturi ai termini ta' l-artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'referenza ghad-Direttur ta' l-Ufficju Kongunt jinghad li l-proprjeta' ma gietx trasferita lil dan l-ufficcju izda lil-Gvern ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li se jsegwu, in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti biex jippromwovu l-azzjoni odjerna u dan peress li *ex admissis* fir-rikors promotur gie indikat li l-proprjeta' in kwistjoni hija tal-Kolleggjata izda l-istess Kolleggjata li ghandha l-interess li semmai

tipprotegi l-proprjetajiet taghha mhiex parti f'din il-kawza jew b'xi mod hija rapprezentata;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* f'din l-azzjoni stante li qeghdin jitkellmu fuq proprjeta' li ma tappartjenix lilhom;

4. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju, l-intempestivita' ta' l-istess azzjoni u dan in vista tal-fatt li t-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni sehh permezz ta' Trattat Internazzjonali bejn is-Santa Sede u L-Gvern ta' Malta, li imbaghad gie ratifikat permezz ta' Att tal-Parlament. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' qabel ma semmai jkun hemm dikjarazzjoni dwar il-validita' tat-Trattat Internazzjonali u l-Att tal-Parlament;

5. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju r-rikorrenti ghandhom jiddikjaraw liema tip ta' azzjoni qeghdin jipproponu u jsejsu t-talba taghhom;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti huma kontestati;

8. Illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw il-pretensjonijiet u t-talba taghhom fuq dokumenti li huma illegibbli u ghaldaqstant indecifrabbli. Dan pogga lill-esponenti fi zvantagg sabiex ikunu jistghu jiddefendu ruhhom u jmur kontra d-dritt fundamentali taghhom hekk kif sancit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

9. Illi l-esponenti qeghdin jirrizervaw minn issa li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jezaminaw il-kopja awtentikata tad-

dokumenti prezentati kontestwalment mar-rikors promotur u jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li l-istess dokumenti jigu traskritti u tradotti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof** ippreżentata fit-30 t'April, 2009 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi, preliminarjament, l-eccipjenti ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija ma kienitx parti mill-Ftehim li bih il-proprjea` meritu tal-kawza giet trasferita lill-Gvern ta' Malta;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju imma dejjem in via preliminari, l-ebda wiehed mill-atturi ma ghandu l-interess guridiku necessarju biex jaghmel din il-kawza u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju imma dejjem in via preliminari, t-talba attrici hija intempestiva stante illi t-trasferiment li sar tal-proprjeta` 39, gia` 19, Triq San Kostantinu, Birkirkara, meritu tal-kawza, sehh in forza ta' Trattat Internazzjonali ffirmat bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta fit-28 ta' Novembru 1991 u ratifikat fit-18 ta' Frar 2003 kif ukoll in forza tal-Att numru IV tan-1992 dwar Proprjeta` ta' Entitajiet Ekklesjatici – Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta, liema trattat u ligi ghandhom pjena validita` u l-validita` tal-istess ma qed tigi bl-ebda mod attakkata;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-atturi la jirrapprezentaw fil-gudizzju, kif jippretendu, lill-poplu Karkariz, u

lanqas ghandhom ir-rapprezentanza guridika tal-Kolleggjata ta' Santa Elena f'Birkirkara;

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu illi s-socjeta` attrici Dun Filippo Borgia hija l-werrieta ta' Dun Filippo Borg;

6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu li l-Kurja Arciveskovili ttrasferiet il-fond 39, gia` 19, Triq San Kostantinu, Birkirkara, lill-Ufficju Kongunt;

7. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-eccipjenti hadet il-propjeta` tal-Kolleggjata ta' Santa Elena u ghaddietha lill-Ufficju Kongunt;

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-Kurja Arciveskovili u l-Gvern ta' Malta ttrasferew lill-Ufficju Kongunt il-proprjeta` 39, gia 19, Triq San Kostantinu, Birkirkara;

9. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-proprjeta` li giet trasferita mis-Santa Sede lill-Gvern ta' Malta giet trasferita b'titolu onerus versu l-kunsiderazzjoni pattwita u mhux gratwitament, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda detriment fid-dhul tal-Kolleggjata kif allegat;

10.Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, in forza tal-artikolu 3 tat-Trattat iffirmat bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta surriferit il-proprjeta` meritu tal-kawza ghandha titqies li giet registrata b'titolu assolut fit-termini tal-Att dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet -Kap. 296 tal-Ligijiet – liema titolu ilu jipperdura ghal numru kbir ta' snin minghajr ebda oppozizzjoni maghmula taht l-istess Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ukoll it-talba attrici hija guridikament insostenibbili;

11.Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk is-Santa Sede jew addirittura l-Qdusija Tieghu l-Papa Waqqaf il-Kolleggjata, l-istess Kellhom kull poter legali illi Jirregolaw u anke Jittrasferixxu lill-Gvern ta' Malta l-istess proprjeta` meritu tal-kawza ghan-nom tal-istess Kolleggiata ta' Santa Elena ta' Birkirkara bhala wahda mill-Entitajiet Ekklesjastici f'Malta;

12.Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, ghalkemm f'materji konsimili bhal dak ta' Guspatronat il-Qrati Civili ghandhom gurisdizzjoni, tali materji huma pero` regolati esklussivament mid-Dritt Kanoniku u dana kif gie kostantement u anke ricentement deciz mill-gurisprudenza ta' dawn l-Onorabbli Qrati;

13.Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talba attrici hija guridikament insostenibbli stante li l-proprjeta` 39, gia` 19, Triq San Kostantinu, Birkirkara giet validament trasferita lill-Gvern ta' Malta;

14.Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-atturi ghandhom, kif gia` ordnati, jipprezentaw kopji awtentici u legibbli ta' dawn il-kuntratti minnhom ezibita bhala Dok. "A" "B" u "C" kif ukoll traduzzjoni tal-istess; L-esponenti minn issa tirrizerva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri meta tigi notifikata bl-istess kopji u traduzzjonijiet u dan fuq l-iskorta tal-gurisprudenza pacifika u kostanti fis-sens illi l-konvenut ma jistax jigi imqieghed f'posizzjoni li ma jkunx mgharraf sew dwar il-pretensjonijiet u provi li qed isiru kontra tieghu u jibqalu d-dritt li jeccepixxi hekk kif huwa jingieb a konnoxxenza ta' dak li l-atturi qed jallegaw u tal-prova allegatament maghmula kontrih in sostenn.

Illi dwar il-fatti kif imsemmija fuq ir-Rikors Guramentat, l-eccipjenti tikkontesta l-fatti elenkati fil-premessi tar-Rikors Guramentat u kif ukoll dawk imnizzla fid-dikjarazzjoni Guramentata annessa mal-istess Rikors Guramentat.

Illi l-fatti imsemmija fl-eccezzjonijiet numru 1 - 13, l-esponenti tiddikjara li taf bihom personalment.

Rat illi fid-9 t'April 2019 din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa preseduta[1].

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2009, din il-Qorti diversament preseduta ordnat illi "ghandha tiġi ttrattata u deċiża t-tieni eċċezzjoni ta' l-Ekonomu ntimat u t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tal-Ufficju konġunt u Prim Ministru"[2].

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża.

Rat (a) in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prim'Ministru u tad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2013[3]; (b) in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof ippreżentata fit-22 ta' Marzu 2013[4]; u (ċ) in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentata fid-19 ta' Lulju 2017[5], liema noti jittrattaw limitatament it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti rispettivi.

Rat illi fl-4 ta' Settembru 2013 miet ir-rikorrent Reverendu Kanonku Dun Carmelo Calleja u għalhekk intalbet it-trasfużjoni tal-ġudizzju, iżda mill-atti ntwera li qabel il-mewt tiegħu huwa kien assenja l-jeddijiet litiġjużi tiegħu konnessi ma' din il-kawża lill-għaqda rikorrenti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari surriferiti.

---

[1] Paġna 632 tal-proċess.
[2] Paġna 285 tal-proċess.
[3] Paġna 516 tal-proċess.
[4] Paġna 535 tal-proċess.
[5] Paġna 557 tal-proċess.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat

**Fatti storiċi**

Fis-seklu sbatax Dun Filippu Borg (xi daqqiet indikat ukoll bħala Borgia), Rettur tal-Knisja Parrokkjali fl-art ta' Birkirkara, xtaq iwaqqaf "fl-imsemmija Knisja Parrokkjali, Kolleġġjata u fiha jqegħdilha biss Prepożitura, li tkun id-dinjità ewlenija u waħdanija tagħha u tnax-il Kanonikat u daqstant oħra prebendi, u jqegħdilha wkoll Vigarju Perpetwu wieħed ġo Vigarjat Perpetwu wieħed, biex jieħu ħsieb il-kura tal-maħbubin ulied din il-Parroċċa, u jaqdi l-uffiċċju u x-xogħol kollu tal-Parroċċa"[6]. Dun Filippu Borg kien lest li permezz ta' kuntratt skont il-liġi jistabbilixxi li jagħti f'ħajtu erba' mija u għoxrin skud u wara mewtu tlett mitt skud bħala sehem (salarju) tal-Prepożitura u l-kanonċi. Kien għalhekk li fis-sena 1630 Dun Filippu Borg kien talab lil Papa Urbanu VIII sabiex iwaqqaf l-ewwel kolleġġjata fil-gżejjer Maltin.

Ta' min josserva li fis-seklu sbatax it-territorju tal-parroċċa ta' Birkirkara kien wieħed estensiv tant li maż-żmien dan it-territorju inqasam fi 23 parroċċa oħra li jinkludu l-Imsida, Ħ'Attard, il-Madliena u tas-Sliema.[7]

Papa Urbanu VIII permezz tal-Bolla tal-'Fondazzjoni Filippina' magħmula fil-5 ta' Diċembru 1630 laqa' t-talba ta' Dun Filippu Borg sabiex minflok Parroċċa jkun hemm Knisja Kolleġġjata taħt it-titolu u l-isem ta' Santa Liena. Din il-Kolleġġjata hija magħmula min Prepostu, li jkun il-kap tal-Knisja Kolleġġjata u tal-Kapitlu tagħha u tnax-il Kanonikat u daqstant ieħor prebendi. Sabiex tiġi mwaqqfa l-imsemmija Kolleġġjata, Dun Filippu Borg

---

[6] Meħuda mill-Bolla tal-'Fondazzjoni Filippina', 1630, paġna 214 tal-proċess.

[7] Informazzjoni meħuda mid-diskors tal-okkażjoni ta' Jum il-Kolleġġjata (sena 2008) mħejji mill-. Imħallef Emeritu Franco Depasquale, paġna 375 tal-proċess.

kellu jiżgura għal dejjem ir-renta ta' kull sena bħala ħlas lill-Prepożitura u Kanonikati għal xogħolhom fil-Kolleġġjata.

Wara li ħarġet din il-Bolla ta' Fondazzjoni fl-14 ta' Lulju 1632 Dun Filippu Borg assenja numru ta' beni sabiex minnhom ikunu jistgħu jitħallsu l-Prepostu u l-kanonċi. Il-Qorti tosserva illi ma ġiex ippreżentat kopja awtentikata jew traduzzjoni ta' dan il-kuntratt u lanqas lista' ta' dawn il-beni. Peress li ma kienx hemm kontestazzjoni f'dan ir-rigward il-Qorti ser tqis illi l-fond 39 ġia 19 Triq San Kostantinu, Birkirkara kien imdaħħal fil-lista ta' beni msemmija f'dan il-kuntratt. Fit-30 ta' Mejju 1633 fl-atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb, Dun Filippu Borg għamel strument ta' ipoteka fejn bis-saħħa tiegħu rabat l-introjtu miċ-ċnus bħala salarju għal meta tiġi mwaqqfa l-Kolleġġjata. Fl-10 ta' Mejju 1635 ġie approvat l-Istatut għat-tmexxija tal-Kolleġġjata minn Papa Urbanu VIII u għalhekk setgħet tingħata eżekuzzjoni tal-kolleġġjata. Dan seħħ meta Dun Filippu Borg u l-Illu Rev.mu Ġwann Micallef bħala Kummissarju Sotto Delegat u Eżekutur Appostoliku wettqu kuntratti sinallagmatiċi ċivili fl-atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb fl-10 ta' Mejju 1635, b'dan għalhekk ġiet mwaqqfa l-Mensa Filippina. Silvio Azzopardi fl-affidavit tiegħu spjega li l-beni mħollija fil-Mensa / Fondazzjoni kellhom jintużaw bħala doti tal-Prepożitura u l-Kanonikati, sabiex b'hekk il-kanonċi jkunu jistgħu jkollhom għajxien diċenti.

**Vincent Parnis, Silvio Azzopardi u Joseph Sammut Alessi** fl-affidavits tagħhom irreferew għall-avveniment li seħħ bejn l-1935 u l-1936 fejn l-Isqof ta' Malta Mons. Mauro Caruana ried jieħu l-amministrazzjoni ta' kull enti ekkleżjastika li kellha dħul ta' inqas minn 35 sterlina. Il-Kanonċi tal-kolleġġjata kienu talbu żmien sena biex jgħollu ċ-ċnus u b'hekk idaħħlu iktar minn 35 sterlina iżda din it-talba ġiet miċħuda. Ġara li fit-3 ta' Lulju 1936 ta' numru ta' Karkariżi prominenti waqfu s-soċjetà Dun Filippu Borgia, bl-iskop li tħares id-drittijiet tal-Kolleġġjata u d-drittijiet tal-poplu Karkariż ħalli jibqa' jgawdi mill-jedd tal-ewwel preferenza fl-għażla tal-kanonċi tal-kolleġġjata. Din is-soċjetà kienet bdiet ukoll proċeduri legali quddiem il-Qorti tar-Sacra Romana Rota f'Ruma fuq din il-kwistjoni, iżda lejn l-aħħar tas-sena 1949 is-Sacra Romana Rota iddeċidiet li ma kellhiex kompetenza li tisma' l-każ. Din id-deċiżjoni qajmet ferment fost il-poplu Karkariż u bl-intervent ta-Isqof

Mikiel Gonzi kollox treġġa' lura għal li kien qabel l-1935. L-Isqof Gonzi kien wiegħed ukoll li kien sejjer jirsisti mal-Papa sabiex il-Kolleġġjata tiġi elevata għal Bażilika u fil-fatt fis-sena 1950 il-kolleġġjata ġiet mgħonija mill-Papa Piju XII bit-titolu ta' Bażilika.

Fit-28 ta' Novembru 1991, is-Santa Sede bħala l-amministratur tal-ġid kollu li jappartjeni lill-enti ekkleżjastiċi skont il-Kodiċi Kanoniku, ittrasferixxa favur ir-Repubblika ta' Malta, dik il-proprjetà immobbli f'Malta li ma kinitx meħtieġa mill-Knisja Kattolika għall-għanijiet pastorali. Flimkien mal-proprjetajiet li ġew trasferiti kien hemm ukoll il-fond mertu tal-kawża, li kif diġà ingħad kien ġie assenjat minn Dun Filippu Borg lill-Kolleġġjata. Is-soċjetà Dun Filippu Borgia u l-Kanonku Carmelo Calleja f'ismu proprju u bħala membru tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Sant Elena istitwew il-kawża odjerna fejn qegħdin jikkontestaw it-trasferiment tad-dirett dominju perpetwu ta' fuq il-fond mertu tal-kawża u qegħdin jitolbu lil din il-Qorti "tiddikjara illi t-teħid tal-proprjeta 39, (gja 19) Triq San Kostantinu, Birkirkara u t-trasferiment ta' l-imsemmi fond imsemmi mill-Kurja Arciveskovili u mill-Gvern ta' Malta lill-Ufficcju Kongunt ma setghetx isir u l-istess fond ghandu jitqies li baqa proprjetà ta' l-istess Kolleggjata ta' Santa Liena ta' Birkirkara".

Min-naħa l-oħra l-konvenuti fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom, fost eċċezzjonijiet oħra, issollevaw l-eċċezzjoni li l-ebda wieħed mir-rikorrenti m'għandu interess ġuridiku sabiex iwaqqfu jew iħassru t-trasferiment tad-dirett dominju perpetwu de quo li seħħ mis-Santa Sede lill-Istat ta' Malta.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-ġurisprudenza nostrana fir-rigward tal-interess ġuridiku hija waħda kopjuża. Diversi huma s-sentenzi li rreferrew għall-elementi li jeħtieġ jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit li l-parti li tipproponi l-azzjoni għandha interess ġuridiku f'dak li qiegħda titlob.

Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** (27 ta' Marzu 1990) din il-Qorti diversament preseduta iddikjarat:-

> "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

L-elementi tal-interess ġuridiku komplew jiġu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni** (Rik Nru 1790/2000/2 JRM) mogħtija fit-18 ta' Jannar 2001 fejn ġie ritenut li

> "Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Falzon Sant Manduca vs Weale, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];
>
> Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il- motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet Francis Tonna vs Vincent Grixti, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**]".

Aktar riċenti imbagħad wieħed isib id-deċiżjoni fl-ismijiet **Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** (Ċit Nru 378/2009 JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Settembru 2014 fejn b'referenza għal deċiżjonijiet oħra rrimarkat li

> "[...] rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu ("**<u>Balluci vs Vella Gera</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "**<u>Zammit vs Formosa et</u>**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "**<u>Zammit Psaila et vs Ellul</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956).
>
> "Il-Qorti tirrimarka li l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("**<u>Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et</u>**" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza ; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza ("**<u>Camilleri et vs Sammut et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

Hekk delinejati l-prinċipji ewlenien rigwardanti l-interess ġuridiku, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikahom għall-każ odjern.

Ikkunsidrat;

**Ġuspatronat Attiv u Ġuspatronat Passiv**.

Ir-rikorrenti jibbażaw l-interess ġuridiku tagħhom fuq dak hekk imsejjaħ ġuspatronat attiv u ġuspatronat passiv. Vincent Parnis jispjega: "L-attiv huwa tal-Kanonci jiġifieri huma jkollhom biex jghixu u din kienet ir-raguni li l-Papa obbliga lil Dun Filippu biex jaghti gidu. Il-guspatronat passiv jappartjeni lill-Poplu Karkariz fis-sens li kif ordna il-Fundatur, il-Kanonci ghandhom jintaghzlu minn Ulied Birkirkara u biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed li jista jinhatar Kanonku minn barra B'kara. Ghalhekk l-ewwel preferenza hija ta' ulied B'kara."[8]

Ikompli jispjega li "Meta Dun Filippu haseb li titwaqqaf il-Kolleggjata ried li jkun hemm grupp ta' qassisin Karkarizi jissejhu kanonċi u f'daqqa jissejhu il-Kapitlu u dan kellu jkun dedikat il-hin kollu ghall-gid spiritwali tal-Poplu Karkariz. Allura parti mill-Guspatrunat Passiv huwa dan l-interess li ghandu l-Poplu Karkariz bhala beneficjarju dirett tax-xoghol li jaghmel il-Kapitlu."[9]

Mill-Bolla tal-Fondazzjoni jirriżulta li l-Prepositura u l-Kanonikati huma riservati ghall-qraba tal-Fundatur Dun Filippu Borgia u għal dawk li huma minn Birkirkara. Fin-nuqqas li ma jkunx hemm minn dawn biss l-imsemmija Prepositura u l-Kanonikati jingħataw lil dawk il-Maltin li m'humiex minn Birkirkara.

Ix-xhud Joseph Sammut Alesesi spjega li "meta l-kapitlu kien jaghzel kanonku kien ikun qed jeżerċita id-dritt ta' jus patronat attiv filwaqt li l-poplu karkariz kien ikun qed igawdi mill-jus patronat passiv ghaliex ukoll il-kanonci kellhom qabel xejn jintaghzlu minn fost ulied il-poplu karkariz."[10]

[8] Paġni 303 – 304 tal-proċess.
[9] Paġna 304 tal-proċess.
[10] Paġna 343 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

Id-defunt **Reverednu Kanonku Carmelo Calleja** fl-affidavit tiegħu kien spjega li "bhala Kanonku li ngawdi *jus patronatus* attiv jien insostni illi ghandi interess ġuridiku peress li jien wiehed mill-kanonci tal-mensa Filippina ta' Dun Filippu Borgia. Il-Fundazzjoni Filippina tikkonsisti fi tnax (12)-il kanonku li jien wiehed minnhom u daqstant ohra prebendi (salarji) u prepozitura (l-oghla dinjita' tal-kapitlu bil-prebenda taghha). Is-salarji ta' dawn il-kanonikati jakkumulaw mill-proprjeta tal-kolleggjata imhollija mill-fundatur ċioe' Dun Filippu Borg".[11]

Waqt il-**kontro-eżami ta' Silvio Azzopardi** fit-23 ta' Ġunju 2011 ġie emfasiżżat illi l-kolleġġjata m'hijiex magħmula biss mill-Kanonku Carmelo Calleja, għalkemm huwa għandu interess għaliex jieħu l-ħlas dirett mill-kolleġġjata:

> "**Dr. Dominic Cassar**: Naqblu wkoll li l-kolleġġjata u l-membri tal-kapitolu, il-membri individwali bħal Kanonku Calleja li ppreżenta din il-kawża flimkien mas-soċjetà huma żewġ persuni distinti? Jiġifieri l-Kanonku huwa persuna u l-kolleġġjata hija persuna
> **Xhud**: Hekk hu
> **Dr. Dominic Cassar**: U naqblu li l-Kanonku ma jirrappreżentax lill-kolleġġjata ta' Sant'Elena?
> **Xhud**: Il-Kanonku jirrappreżenta lilu nnifsu għax jieħu l-ħlas dirett
> **Dr**. **Dominic Cassar**: Lilu nnifsu u mhux il-kolleġġjata
> **Xhud**: Ukoll
> **Dr**. **Dominic Cassar**: Jekk qed tgħidli li wkoll, trid tispjega għaliex
> **Xhud**: Ukoll, iva. Fil-fatt, anke biex issir emenda fl-istatut kapitolari jrid ikun hemm il-kunsens unanimu tal-kapitolu kollu. Ma seta' jsir xejn mingħajr il-kunsens speċjalment f'materji importanti u jgħidlek li fi żmien

[11] Paġna 245 tal-proċess.

ħmistax, iridu jsiru 3 sessjonijiet kapitolari illi jekk fl-aħħar waħda ma ssirx qbil unanimu sħiħ bejn il-kapitolu kollum, ma jistax isir dak it-tibdil."[12]

**Kolleġġjata**.

Fl-affidavit tiegħu **Vincent Parnis** jispjega li kolleġġjata "hija grupp ta' saċerdoti li jkunu Kanonci u li l-ghan ewlieni taghhom kien li jkunu dedikati il-hin kollu ghall-Pastorali tal-Poplu Karkariż. Ta dan kellhom **prebenda** u **distribuzzjoni** li huma forma ta' hlas biex jintmantnew bihom u jkunu jistghu jiddedikaw il-hin kollu taghhom ghall-gid spiritwali tal-Poplu Karkariz."[13] Ikompli jgħid li "Il-prebenda u d-distribuzzjoni kienu jithallsu lilhom mir-renti tal-proprjeta li Dun Filippu gie obbligat mill-Papa biex jassenja lill-Kolleggjata biex tkun tista tkun indipendenti finanzjarjament mill-bqija tad-Djocesi."[14]

L-istess ġie affermat minn **Joseph Sammut Alessi** fejn fl-affidavit tiegħu spjega li "l-proprjeta u l-introjtu minnha [ċioe l-introjtu mill-proprjeta] kien iservi sabiex jithallsu l-prebendi tal-kanonci u nghid prinċipalment ghalhekk kif ukoll ghall-spejjez ohra li jkollha l-kolleggjata."[15]

Vincent Parnis fl-affidavit tiegħu jispjega kif ġiet fis-seħħ is-Soċjetà Dun Filippu Borgia. Jgħid li bejn l-1935 u l-1936 l-Isqof ta' Malta Mauro Caruana ried jieħu l-amministrazzjoni ta' kull enti ekkleżjastika li kellha dħul ta' inqas minn 35 sterlina. Il-Kanonċi tal-kolleġġjata kienu talbu żmien sena biex jgħollu ċ-ċnus u b'hekk idaħħlu iktar minn 35 sterlina iżda din it-talba ġiet miċħuda. Ikompli jgħid li "ghalhekk il-kleriku Salvinu Borg Olivier hatar kumitat ta' hdax-il persuna biex titwaqqaf Socjeta li kellha tissemma bhala Socjeta Dun Filippu Borgia li l-ghan taghha kien li tiddefendi l-Kolleggjata fejn ma jistghux jiddefenduha l-Kapitlu tal-Kanonci.."[16] Dan ġie wkoll

[12] Paġna 464 tal-proċess.
[13] Paġna 296 tal-proċess.
[14] Paġna 296 tal-proċess.
[15] Paġna 343 tal-proċess.
[16] Paġna 302 tal-proċess.

reaffermat minn Silvio Azzopardi fl-affidavit tiegħu[17] fejn jkompli jispjega li ġie mfassal "statut permanenti għat-tmexxija tas-Soċjetà u permezz ta' plebixxit legali fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt din is-Soċjetà inagħtat l-approvazzjoni mill-kapijiet tal-familji Karkariżi għall-iskop biex tiddefendi d-drittijiet tal-Kolleġġjata u tal-istess Poplu."[18]

Is-soċjetà tisħaq li wara li ġiet imwaqqfa din is-soċjetà, l-istess Soċjetà kienet fetħet proċeduri quddiem ir-Sacra Romana Rota f'Ruma sabiex tiddefendi dak li l-Kanonċi ma setgħux jiddefendu. Jgħidu li r-Sacra Romana Rota f'Ruma kienet irrikonnixxithom daqstant ieħor l-Isqof Gonzi.

Ikkunsidrat;

Is-soċjetà rikorrenti tgħid li hija għandha interess ġuridiku tistitwixxi l-kawża odjerna għaliex il-poplu Karkariż għandu interess li l-proprjetà tal-Kolleġġjata tiġi amministrata mill-istess Kolleġġjata. Bid-dovut rispett dan l-argument ma jreġġix f'ambitu legali. Is-soċjeta' attriċi qatt ma kellha l-amministrazzjoni tal-immobbli de quo u għalhekk m'għandha l-ebda awtorita' legali illi taġixxi fir-rigward tal-istess. Iċ-ċens gravanti l-immobbli de quo kien imur għall-kapitolu tal-Kolleġġjata u mhux għas-soċjeta' attriċi. Mhux rilevanti għall-finijiet tad-deliberazzjoni dwar l-interess ġurdiku illi s-soċjeta' attriċi twaqqfet sabiex tiddefendi l-interessi tal-Kolleġġjata u tal-poplu Karkariż. Is-sottomissjoni tas-soċjeta' attriċi fir-rigward ma fihiex fondament legali.

Fl-affidavit tiegħu ix-xhud Silvio Azzopardi spjega li "l-amministrazzjoni tal-Kolleġġjata tappartieni *pleno iure* lill-Kapitlu u lill-Kanonċi tal-Kolleġġjata kif jirriżulta mill-Bolla nfisha kif ukoll mill-korp tal-Istatuti li "jiffurmaw parti integrali mill-istess fundazzjoni."[19] Inoltre jispjega li "Fil-Bolla hemm stabbilit illi l-beni sew mobbli [u] immobbli ghandhom ikunu meħlusa minn

[17] Paġni 326 – 330 tal-proċess.
[18] Paġna 329 tal-proċess.
[19] Paġna 308 tal-proċess.

xi ħakma jew setgħa ta' terzi u li kellhom jiġu amministrati mill-Prepostu u l-Kanonċi *pro tempore*."[20]

Meta Silvio Azzopardi ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk hemmx "xi dokument [...] fejn il-kolleġġjata tat poteri lill-poplu Karkariż biex jidher għan-nom tagħha?" huwa wieġeb "għan-nom tagħha jidher il-kapitlu".[21] Imbagħad għal mistoqsija "f'diffikultajiet rigward materji ta' proprjetà, min tgħidu intkom suppost tadixxi l-kolleġġjata? Għand min għandha tmur il-kolleġġjata?", ir-risposta kienet "għand l-awdituri tal-kapitlu".[22] Din mhux l-unika darba fejn Silvio Azzopardi xhed li s-Soċjetà Dun Filippo Borgia ma tirrapreżentax lill-kolleġġjata fi kwistjonijiet ta' proprjeta:

> "**Dr. Dominic Cassar**: [...] ara naqblux illi s-soċjetà Dun Filippo Borgia ma tirrappreżentax il-kolleġġata. Inti għidtilna li tirrappreżenta l-poplu Karkariż, għandha interessi fil-ġust patronat imma lill-kolleġġjata ta' Sant'Elena ma tistax tidher għaliha fuq il-kuntratti
> **Xhud**: Ma tidhirx għaliha fuq il-kuntratti, le
> **Dr. Dominic Cassar**: U lanqas kienet tidher għaliha, la issa u lanqas fl-1991, hux hekk?
> **Xhud**: Ma dehritx fil-kuntratti, le"[23]

Dak li jgħid Silvio Azzopardi fix-xhieda tiegħu huwa minnu għaliex fl-Istitut tal-kolleġġjata taħt l-ewwel kapitolu tal-ewwel titolu ġie stabbilit li "la cura ed amministrazione della Chiesa sopradetta e di tutte le entrate certe ed incerte, legati pii, decime di beni annessi e commessi dependenti, e non collativi, ed altri emolunti spirituali e temporali spetta in tuttto e per tutto alla libera disposizzione del Capitolo della medsima Colleggiata [...]"[24]

Ikkunsidrat;

---

[20] *ibid.*
[21] Paġna 459 tal-proċess.
[22] Paġna 460 tal-proċess.
[23] Paġna 458 tal-proċess.
[24] Paġna 225 tal-proċess.

Dak li l-Qorti trid tiddeċiedi f'dan l-istadju huwa jekk iż-żewġ atturi għandhomx l-interess ġuridku neċessarju sabiex jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja "illi it-tehiet tal-proprjeta' disgha u tletin (39) gja numru dsatax (19) Triq San Kostantinu Birkirkara u t-trasferiment ta' l-imsemmi fond mill-Kurja Arciveskovili u mill-Gvern ta' Malta lill-Uffiċju Konġunt ma setghax isir u l-istess fond għandu jitqies li baqa' proprjeta' ta' l-istess Kolleġġjata ta' Sant Elena ta' Birkirkara." L-atturi adixxew lill-Qorti fuq il-pretest illi l-kawża minnhom istitwita qed issir fl-interess tal-poplu Karkariż, tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara u ta' fondazzjoni ta' ġuspatronat lajkali.

Illi l-interess ġuridiku mhux neċessarjament ikun wieħed ta' proprjeta' u jista' jkun anke ta' natura morali. Iżda sabiex jissodisfa l-estremi meħtieġa tali interess jeħtieġ li jikkorrispondi ma' leżjoni ta' dritt. Ma jirriżulta minn imkien fl-atti li l-atturi sofrew xi leżjoni ta' xi dritt li huma għandhom jew kellhom qabel il-fatt impunjat. Il-Kanonku Calleja seta' kellu xi drittijiet x'jivvanta kontra l-Kolleġjata iżda qatt ma kellu jew ingħata id-dritt li jirrapreżenta lill-Kolleġjata sabiex jimpunja trasferiment ta' proprjeta' li seta' kellha qabel.

Tenut kont li hawn si tratta ta' Fondazzjoni pia l-eżami ta' l-interess ġuridiku pretiż mill-atturi jeħtieġ li jsir fid-dawl tal-liġi regolanti l-materja in diżamina.

**Fondazzjoni Ekklesjastika regolata mill-Kodiċi Kanoniku mhux mill-Kodiċi Ċivili**.

**Artikolu 1742 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi

> " Bla ħsara ta' kull liġi oħra speċjali f'Malta, il-benefizzji ekklesjastiċi, jew il-kappellaniji ekklesjastiċi perpetwi, jew il-patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali perpetwi għandhom, sew għal dak li għandu x'jaqsam mal-eżerċizzju, it-tgawdija, it-tmiem jew it-telf tal-ġuspatrunat, attiv jew passiv, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jistgħu jikkostitwixxu titolu ta' ordinazzjoni jew sabiex jista' jsir użu minnhom għaldaqshekk,

huma regolati mil-liġi kanonika li issa jew minn żmien għal żmien tkun isseħħ f'Malta:"

Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażżjonijiet fejn applikaw il-liġi kanonika meta aditi sabiex jiddeċiedu vertenzi dwar fost l-ohrajn ġuspatronati. F'dan ir-rigward issir refernza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju 1994 fl-ismijiet "**Wisq Reverendu Kanoniku Dun Gwann Borg vs Sandra Vella et"** kif ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 a' April 2008 fl-ismijiet "**Vincent E. Ciliberti noe. Vs Marianna Spiteri et.**" Fejn jirrigwarda patrimonju sakru, bħal ma hi il-Fondazzjoni Dun Filippo Borgia, il-liġi applikabbli u enforzabbli mill-qrati ċivili hija l-ligi kanonika. Skond il-liġi kanonika huwa l-isqof tal-post, jew il-persuni li huwa jiddelega, li jirrappreżenta l-entitajiet Ekklkesjastiċi. Tenut kont li sew il-Fondazzjoni Dun Filippo Borgia kif ukoll il-ġuspatronat marbut magħha huma entitajiet Ekklesjastiċi, allura jsegwi skond il-Liġi Kanonika illi dawn jaqgħu taħt l-amministrazzjoni ta' Monsinjur Arċisqof fil-kwalita' tiegħu tal-ordinarju ta' Malta. Difatti Kanoni 1276 tal-Kodiċi Kanoniku jipprovdi illi "ordinaries must carefully supervise the administration of all the goods which belong to public juridical persons subject to them without prejudice to lawful titles which may give the ordinary greater rights." Il-fondazzjoni in diżamina taqa' fid-definizzjoni ta' persuni ġuridiċi pubbliċi kif stipulat fil-Kodiċi Kanoniku.

Il-Fondazzjoni Dun Filippo Borgia twaqqfet bl-awtorita' apostolika u hija regolata bil-liġi kanonika. Id-dirett dominju fuq l-immobbli de quo li l-Kolleġġjata Elenika jew il-Fondazzjoni Filippina kienu jgawdu qabel ma ġiet trasferita bis-saħħa tat-Trattat bejn l-Istat Malti u l-Istat tal-Vatikan ma giex trasferit mingħajr konsiderazzjoni tal-benefiċċji li l-Kolleġġjata ta' Birkirkara kienet tgawdi. Tant hu hekk illi jirriżulta li t-trasferiment tad-dirett dominju mertu tal-kawża odjerna kien wieħed oneruż għaliex b'korrispettiv għat-trasferiment ingħataw mill-Istat Malti bonds maħruġa mill-Gvern Malti li minnhom il-Kolleġġjata ta' Birkirkara tirċevi l-imgħax minflok iċ-ċens li preċedentement kienet tirċevi.

Imkien ma nsibu, la fl-att promotur u lanqas fil-provi mressqa mill-atturi, illi l-Kanonku Calleja ma kienx qed jirċevi perjodikament dak lilu spettanti bhala kanononku. Il-Kanonku Calleja qatt ma kien jipposjedi d-dirett dominju tal-fond de quo iżda kien biss il-benefiċjarju, naturalment flimkien ma' kanoniċi oħra, taċ-ċens riżultat tad-dirett dominju de quo. La hu pretiż mill-atturi u wisq anqas saret xi prova illi l-Fondazzjoni Filippina jew il-Kolleġġjata Elenika inkarigaw lill-Kanonku Calleja sabiex jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji għan-nom tagħhom. Lanqas jirriżultaw l-estremi tal-azzjoni surrogatorja stante li l-Kanonku Calleja qatt ma allega li huwa kreditur tal-Kolleġġjata.

Il-ġuspatronat huwa jedd marbut ma' proprjeta' pero' ma jikkostitwixxiex dominju fuq il-proprjeta' is-suġġett tal-ġuspatronat. Qua ġuspatronat lajkali, l-atturi m'għandhom l-ebda jedd *uti dominis* fuq il-ġid tal-fondazzjoni. Għalkemm l-atturi ma eżebewx elenku tal-ġid li ġie assoġġettat għall-fondazzjoni Dun Filippo Borgia, jidher li ħafna minn dawn il-proprjetajiet kienu soġġetti ghal ċnus. Tajjeb wieħed iżomm f'moħħu li din il-fondazzjoni ġiet maħluqa fis-seklu sittax fejn is-saċerdoti u l-kjeriċi kienu jiddependu ħafna għall-għixien tagħhom minn renti anke għaliex dawn ma kellhomx salarju. Dun Filippo kien determinat li l-parroċċa ta' Birkirkara tiġi elevata Kolleġġjata taħt it-tmexxija ta' Preposteru u 12-il kanonku. Naturalment kellu jieħu ħsieb għad-dħul tagħhom sabiex dan iseħħ. Il-Papa Urbanu VIII kien laqa' t-talba u mal-pubblikazzjoni tal-kuntratti sinallagmatiċi fis-sena 1635 il-fondazzjoni Dun Filippo Bogia saret persuna kanonika ġuridika ai termini tal-Kodici Kanoniku, il-proprjeta' ta' Dun Filippo saret proprjeta' tal-fondazzjoni u konsegwentement saret ġid ekkleżjastiku. Il-ġuspatronat passiv favur il-poplu Karkariż vantat mill-atturi jissarraf billi fl-għażla tal-kanoniċi ġodda saċerdot minn Birkirkara jiġi preferut fuq saċerdoti minn bnadi oħra. Pero' bir-rispett kollu dan ma jaghtix id-dritt, lanqas lill-istess Kolleġġjata jew Fondazzjoni, li jitolbu t-tħassir ta' trasferiment formanti parti minn Trattat bejn l-Istat Malti u s-Santa Sede. Fi kliem aktar sempliċi, ħadd mill-atturi ma kellu jew għandu id-dritt li jiftaħ kawża dwar proprjeta' li kienet tagħmel parti mill-Fondazzjoni Dun Filippo Borgia.

Ikkunsidrat;;

Punt rilevant ieħor hu illi interess ġuridiku vantat irid ikun jissussisti fil-konfront tal-konvenuti ċitati. Irriżulta illi ħadd mill-konvenuti ma għamel it-trasferiment lamentat mill-atturi għaliex it-trasferiment sar mis-Santa Sede lill-Istat Malti. Kif ġie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Joseph Grech vs Ludgarda Grech**" mogħtija fil-11 ta' Jannar 1989:

> "... il-Qorti ghandha tkun perswaza li l-parti ghandha interess li titlob dik id-dikjarazzjoni, u li dik id-dikjarazzjoni hija hekk mitluba tkun tista' tifforma il-bazi ta' kawza ohra li tkun tista' ssir fil-futur; liema interess m'ghandux ikun ipotetiku imma jrid ikun konkret u jrid ikun jissussisti di fronte ghall-konvenut li jkun maghzul bhala legittimu kontradittur".

Huwa aktar milli evidenti għall-Qorti illi huwa karenti fl-atturi l-interess ġuridiku li jadixxu lill-Qorti dwar il-Fondazzjoni Dun Filippo Borgia u l-proprjeta' preċedentement lilha appartenenti illi s-Santa Sede għaddiet lill-Istat Malti bis-saħħa ta' Trattat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi ssib li s-soċjetà attriċi Dun Filippo Borgia, sew f'isimha proprju kif ukoll bħala l-akwirenti tad-drittijiet litiġjużi tad-defunt Rev. Kanonku Carmelo Calleja, m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tistitwixxi l-kawża odjerna, u għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u tal-Prim Ministru u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut l-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof u konsegwentement tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż a karigu tas-soċjetà attriċi.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**